# Minuti

## Seduta Nru. 9/2011 – Laqgħa b'Urġenza

Data: Il-Ġimgħa, 11 ta' Marzu 2011

Ħin: 5:30pm

Post: Kunsill Lokali L-Imsida, Pjazza Menqa Msida

---

Preżenti:
Mary Rose Mifsud
Jane (Yvonne) Spiteri
Rudolph Cini
Margareth Baldacchino Cefia – Viċi Sindku, Kunsill Lokali L-imsida
Christopher Galea – Aġent Segretarju Eżekuttiv

Skużati:
John Mary Zahra
Mario Xuereb

---

## AĠENDA

1. Attivita' ġewwa s-Swatar li ser issir f'Settembru 2011 bħala parti mil-attivitajiet organizzati mill-Kunsill Lokali ta' Birkirkara.

---

## Kontenut

Annex A Minuti 9/2011

Annex B Tabella ta' Deċiżjonijiet li ttieħdu waqt is-seduta li jirrikjedu Azzjoni

**Minuti 9/2011**

## 1. Attivita’ ġewwa s-Swatar li ser issir f’Settembru 2011 bħala parti mil-attivitajiet organizzati mill-Kunsill Lokali ta’ Birkirkara.

**1.1** Il-laqgħa bdiet fil-5:30pm billi ntqalet it-talba miċ-*Chairperson*.

1.1.1 Peress li kienet laqgħa b’urġenza ma nqrawx il-minuti tal-laqgħa ta’ qabel.

1.1.2 Din il-laqgħa issejħet b’urġenza minħabba li riedet tittieħed deċiżjoni urġenti fuq kif il-Kumitat għandu jkompli jmexxi fuq l-attivita’ ġewwa s-Swatar li ser issir f’Settembru 2011 bħala parti mil-attivitajiet organizzati mill-Kunsill Lokali ta’ Birkirkara.

1.1.3 L-Aġent Segretarju qassam lill-membru tal-Kumitat dokument li fih proposta mibgħuta mis-Sinjorina Claudia Magrin fejn hemm elenkat l-ispejjeż kollha li għandhom x’jaqsmu ma’ l-attivita. Skont id-dokument, l-ispejjeż globali jleħħqu s-somma ta’ €21,750.00. Dan id-dokument ukoll jelenka kif jistgħu jinġabru *sponsorships* kif ukoll hemm ċerti spejjeż li l-Kunsill ta’ Birkirkara kien ser jieħu ħsiebhom hu u kien hemm iċ-ċans li jieħu s-servizz bla ħlas jew irħas milli kwotat.

1.1.4 Wara li l-Kumitat iddiskuta dan id-dokument, il-Kumitat iddeċieda li għalkemm il-programm preżentat kien wieħed interessanti u professjonali, il-proposta hija wisq għolja u l-Kumitat mhux lest li jidħol għal din l-ispiża. Il-Kumitat josserva li din l-attivita' oriġinarjament kellha tkun fuq bażi volontarja u li jiġu koperti biss l-ispejjeż. Għal dan il-għan, il-Kumitat jibqa dejjem b'idejh miftuħa għal kull inizjattiva volontarja b'mod partikulari tkun ġejja minn resident fil-lokalita' tas-Swatar. Din id-deċiżjoni għandha tiġi komunikata lis-Sinjorina Claudia Magrin.

1.1.5 Il-Kumitat iddeċieda wkoll li din l-attivita’ jorganizzah bir-riżorsi tiegħu stess u b’inqas spejjeż u fil-laqgħa li jmiss jiddiskuti kif għandu jkun il-programm u xi preparamenti għandhom isiru.

1.1.6 Il-laqgħa spiċċat fis-6:30pm.

____________________ ____________________

*Chairperson*, KAS Aġent Segretarju, KAS

____________________

Data

# Tabella ta' Deċiżjonijiet li jirrikjedu Azzjoni

| Ref. | Suġġett | Deċiżjoni /Azzjoni Meħtieġa | Entita' / Persuna Responsabbli |
|---|---|---|---|
| **1.1.4** | **Attivita' ġewwa s-Swatar** | Din id-deċiżjoni għandha tiġi komunikata lis-Sinjorina Claudia Magrin. | Aġent Segretarju |